FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 6 TA' DICEMBRU, 1996

Avv Nru.312/96

Planor Limited

vs

George Galea

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 1996, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas Tmenin Lira Maltija, (Lm80), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' madum u accessorji tal-kamra tal-banju lilu mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici;

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas il-bilanc minnhu dovut, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Bl-interessi kummercjali mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Ottubru, 1995.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta' Lulju, 1996, fejn ntqal li d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess hu m'ghandu jaghti xejn lill-attur.

Ha konjizzjoni ukoll tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 1996, fis-sens li giet eccepita l-preskrizzjoni kwinkwennali, osssija stante li l-ahhar "invoice" inharget fid-9 ta' Awissu, 1990,

filwaqt li l-ittra ufficjali saret fil-5 ta' Ottubru, 1995.

Semgha x-xhieda ta' Pio Camilleri, Andrew Camilleri u George Galea;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti ezebiti, inkluz il-verbal tas-16 ta' Settembru, 1996, li fih l-attur iddikjara li qed jirriduci t-talba b'Ghoxrin Lira (Lm2Ø);

L-attur ibbaza l-kaz tieghu principalment fuq l-invoice Dok.A ezebit, li juri l-bilanc originarjament dovut lis-socjeta' attrici, kif ukoll il-pagamenti maghmula mil-konvenut. Skond l-istess "invoice" irrizulta li kien hemm bilanc ta' Tmenin Lira Maltija Lm8Ø dovuta mil-konvenut u dana fid-9 ta' Awissu, 199Ø.

It-Tribunal innota li l-"invoice" ma jindikax sewwa dak li kien dovut, tant li wara verifiki, u wara li l-konvenut wera ricevuta dwar pagament ta' ghoxrin Lira, it-talba giet ridotta. Fil-fatt saru verbali li kellhom jsiru aktar verifiki kemm minn naha u kemm minn ohra. Ma kien hemm ebda ezitu minn dawn il-verifiki.

Ta' bil-fors wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni il-fattur taz-zmien. Huwa minnhu li l-ahhar "invoice" igib id-data tad-9 ta' Awissu, 199Ø, u skond l-attur l-ittra ufficjali kontra l-konvenut giet prezentata fil-5 ta' Ottubru, 1995, u cioe' aktar minn hames snin wara.

Dwar l-azzjonijiet li jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin, l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jinkludi:

"l-azzjonijiet ghall hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

Ma rrizulta li kien hemm l-ebda fattur li seta interrompa jew issospenda l-perijodu preskrittiv, anzi jirrizulta li l-ewwel ittra ufficjali fir-rigward intbghatet aktar minn hames snin wara l-ahhar pagament.

Ghaldaqstant peress li jirrizulta li l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija preskritta, it-Tribunal jichad l-istess talba ghall-hlas imsemmi;

Spejjez ghall-istess socjeta' attrici.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.